# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI PRELIMINARI NRU:2637

**Kaz Numru : 3735DP**

**Fil-kwistjoni tax-xoghol**

**bejn**

**Adrien Malgonne (09AT95259)**

**u**

**HOSI Malta Ltd (C75590)**

**dwar li r-rikorrent ma rcevix l-ammont dovut lilu mis-Socjeta' appellata.**

**Chairperson : Is-Sinjura Doreen Parnis M.A., M. Qual, B.A., P.G.C.E.**

**Nhar it-Tlieta 3 ta' Dicembru, 2019**

## Introduzzjoni

Dan il-kaz gie riferut lit-Tribunal Industrijali permezz ta' Rikors pprezentat mill-Avv. Cedric Mifsud u l-Avv. Charlene Gauci f'isem ir-rikorrent Adrien Malgonne fir-Registru tal-Qrati Superjuri nhar il-15 ta' Marzu, 2019, fejn sostniet li t-terminazzjoni ta' l-impjieg tieghu minn mas-socjeta' intimata, ma gietx segwita minn kumpens kif kien miftiehem f'kuntratt addizzjonali, jekk kemm il-darba l-kuntratt ma jiggedidlux, kif fil-fatt sar.

Is-socjeta' preliminarjament talbet li dan it-Tribunal ma jismax il-kaz u eccepixxit nuqqas ta' gurisdizzjoni ta' dan l-istess Tribunal minhabba li dan il-kaz jikkoncerna impjieg ghal zmien fiss.

It-Tribunal ha konjizzjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-kaz kif prezentati mill-partijiet, evalwa l-provi u d-dokumenti kollha kif esebiti, kif ukoll ha 'in konsiderazzjoni' l-argumenti kif ipprezentati fis-sottomissjonijiet ta' l-avukati difensuri.

## Rapprezentanza

Adrien Malgonne li minn issa l-quddiem ser jissejjah ir-rikorrent kien assistit mill-Avv. Cedric Mifsud u l-Avv. Charlene Gauci.

HOSI Malta li minn issa 'l quddiem ser tissejjah is-Socjeta ntimata, kienet irrapprezentata mill-Avv. Matthew Cassar u l-Avv. Nicole Briffa.

**Fatti fil-qosor tal-kaz**

Ir-rikorrenti kien gie ingaggat mas-Socjeta konvenuta bhala Head of Maintenance Leonardo Products and Deputy Maintenance Manager mal-linja tal-ajru Heliconia Aero Solutions, inkorporata taht il-ligijiet Marokkini, fuq kuntratt definit ta' sentejn li jibda mill-ewwe1(1) ta' Jannar tas-sena elfejn u sbatax (2017) sal-wiehed u tletin (31) ta' Dicembru tas-sena elfejn u tmintax (2018). Fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Novembru tas-sena elfejn u sbatax (2017), gie ffirmat ftehim addizzjonali bejn il-partijiet fejn gie specifikat illi jekk il-kuntratt ta' impjieg tal-attur jigi tterminat minn Heliconia Aero Solutions jew ma jigix mgedded jew segwit minn kuntratt ta' mpjieg gdid, is-socjeta' ghandha thallas lir-rikorrent somma li tirrapprezenta tliet gimghat *pay-off* ghal kull sena ta' servizz provduti. Il-kuntratt skada fil-31 ta' Dicembru 2018 u ma giex imgedded jew segwit minn kuntratt gdid.

Minn naha taghha s-socjeta tecepixxi n-nuqqas ta' gurisdizzjoni ta' dan it-Tribunal peress li dan il-kaz jikkoncerna mpjieg b'kuntratt definit. Is-socjeta' tghid ukoll li l-unika konnessjoni tar-rikorrent ma' Malta hu dak tal-kuntratt tal-impjieg hekk kif ir-rikorrenti mhux resident f'Malta, ix-xoghol qatt ma twettaq f'Malta izda fil-Marokk u l-paga tar-rikorrenti nharget mill-Marokk.

**Sintesi tat-trattazzjonijiet tal-kaz**

**L-Avv. Matthew Cassar** ghan-nom tas-Socjeta' qal li f'dan l-istadju minghajr ma nidhlu fil-mertu li ghandu wkoll jigi kkontestat, is-socjeta' attrici qed tikkontesta l-gurisdizzjoni ta' dan it-Tribunal u dan ghall-fatt li fl-ebda stadju m'hu qed jallega tkeccija ngusta izda sempliciment hlas ta' somma illi huwa qed jallega hija dovuta lilu kuntrattwalment, in linea ta' danni, ai termini tal-kuntratti. L-Avukat Cassar qal li l-proceduri odjerni gew intavolati mir-rikorrent peress illi huwa qed jallega li l-kuntratt ta' mpjieg ta' terminu definit li huwa kellu mas-socjeta' esponenti, kif ukoll il-ftehim addizzjonali fejn gie specifikat illi jekk il-kuntratt ta' mpjieg ma jigix imgedded jew segwit minn kuntratt ta' impjieg gdid, huwa ghandu jithallas somma li tirrapprezenta tliet gimghat *pay-off* ghal kull sena ta' servizz pprovduti minnu sal-ahhar tal-kuntratt, gewx rispettati u dan peress illi qed jallega illi l-istess kuntratt ma giex imgedded u huwa ma thallasx is-somma illi kienet dovuta lilu ai termini ta' dan il-kuntratt in linea ta' 'danni'.

**L-Avv Cedric Mifsud** ghan-nom tar-rikorrent qal li dan it-Tribunal ghandu gurisdizzjoni jisma' dan il-kaz ai termini ta' Artiklu 75(1) (a) tal-Kap 452 stante illi l-impjegat gie mkecci mill-post tax-xoghol b'mod ingust, minghajr ebda raguni, hekk kif il-kuntratt tieghu ma' giex imgedded. L-Avukat Mifsud qal ukoll li l-kuntratt addizzjonali datat it-tnejn u ghoxrin (22) ta' Novembru tas-sena elfejn u sbatax (2017), fejn iz-zewg partijiet qablu illi d-danni ghandhom jithallsu a bazi ta' dak il-perjodu li ghandu jigi kkunsidrat mill-1 ta' Frar 2014. Illi ai termini Artiklu 7 tal-Legislazzjoni

Sussidjarja 452.81 u ghaldaqstant it-terminazzjoni ahharija saret fil-31 ta' Dicembru 2018, dan il-kuntratt ghandu issa jitqies bhala wiehed indefinit. Dan ifisser li s-socjeta' kellha taghti raguni valida ghala qed jigi tterminat , inkella ghandha titqies bhala tkeccija ngusta.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

It-Tribunal ried jistabbilixxi b'decizjoni preliminari jekk dan it-Tribunal ghandux gurisdizzjoni jisma' l-kaz.

Tenut kont ta' erba' fatturi migjuba bi provi waqt is-smiegh tal-kaz cioe: -

Li r-rikorrent gie ngaggat mis-socjeta' konvenuta, HOSI Malta Ltd bhala Head of Maintenance Leonardo Products and Deputy Maintenance Manager, mal-linja tal-ajru Heliconia Aero Solutions

Li r-rikorent gie mpjegat ghal terminu definit ta' sentejn mill- 1 ta' Jannar tas-sena elfejn u sbatax sal-31 ta' Dicembru tas-sena elfejn u tmintax (2018).

Li nhar it-tnejn u ghoxrin (22) ta' Novembru tas-sena elfejn u sbatax (2017) gie ffirmat ftehim addizzjonali bejn il-partijiet fejn gie specifikat illi jekk il-kuntratt ta' impjieg tal-attur jigi tteminat mis-socjeta' jew ma jigix mgedded jew segwit minn kuntratt ta' mpjieg gdid, is-socjeta' konvenuta ghandha thallas lill-attur somma li tirrapprezenta tliet gimaght *pay-off* ghal kull sena ta' servizz provduti mir-rikorrent.

Li dan l-istess ftehim jirreferi ghall-fatt li l-ewwel gurnata ta' mpjieg tal-attur mas-socjeta' ghandha tigi kkunsidrata bhala l-ewwel (1) ta' Frar tas-sena elfejn u erbatax (2014).

**DECIZJONI**

Dan it-Tribunal gie mitlub biex preliminarjament jichad li jisma' l-kaz minhabba nuqqas ta' gurisdizzjoni u dan ghall-fatt li r-rikorrent kien ingaggat ghal-perjodu definit. Dan it-Tribunal jinnota li fil-ftehim addizzjonali datat tnejn u ghoxrin (22) ta' Novembru tas-sena elfejn u sbatax (2017), li sehh fil-perjodu ta' qabel ma gie fi tmiemu l-kuntratt odjern, jirrferi ghal kumpens li ghandu jinghata r-rikorent f'kaz li l-istess kuntratt ta' impjieg (dak datat sittax (16 ) ta' Jannar tas-sena elfejn u sbatax (2017)), ma jigix imgedded jew jigi tterminat. Dan it-Tribunal irrizultalu wkoll li r-rikorrent fil-fatt kien ilu mpjegat mas-socjeta' attrici ghal perjodu 'l fuq minn erba' (4) snin, sa mill-1 ta' Frar tas-sena elfejn u erbatax (2014), hekk kif ikkonfermat fil-kuntratt addizzjonali hawn fuq imsemmi.
Fl-fatt ai termini artiklu 7 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 452.81, Regolamenti dwar Kuntratti ta' Servizz ghal Terminu ta' Zmien Fiss:

*7.(1) Minghajr pregudizzju ghar-regolament 3(2), kuntratti ta' servizz ghal zmien fiss ghandu jinbidel f'kuntratt ta' servizz ghal zmien indefinit jekk:*
*(a) l-impjegat kien impjegat kontinwament b'kuntratt bhal dak ghal zmien fiss kif imsemmi jew that dak il-kuntratt mehud flimkien ma' kuntratt jew kuntratti ta' servizz precedent ghal zmien fiss li jiccedi perjodu ta' mpjieg kontinwu ghal aktar minn erba' snin.*
*(b) il-principal ma jistax jaghti ragunijiet oggettivi kif imsemi fis-sunregolament (4) biex jiggustifika l-limitazzjoniji tat-tigdid ta' dak il-kuntratt ghal zmien fiss.*
Fil-fehma ta' dan it-Tribunal, l-impjieg tar-rikorrent fil-fatt ghandu jitqies bhala kuntratt indefinit, u f'dan ir-rigward in-nuqqas ta' raguni valida ghaliex dan l-impjieg gie tterminat, jikkostitwixxi fi tkeccija ingusta.

Ghaldaqstant il-gurisdizzjoni hija ta' dan it-Tribunal u dan ghaliex Artiklu 75(1) tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta jghid:

*75(1) Minkejja kull ma jinsab f'kull ligi ohra, it-Tribnal Industrjali jkollu l-gurisdizzjoni esklussiva li jikkunsidra u jiddecidi –*

*(a) Il-kazijiet kollha fejn jigi allegat li saret tkeccija ingusta; u*
*(b) Il-kazjiet kollha li jaqghu that il-gurisdizzjoni tat-Tribunal Industrjali bis-sahha tat-titolu 1 ta' dan l-Att jew ta' regolmenti preskritti tahtu.*

Ghal dawn ir-ragunijiet dan it-Tribunal jichad it-talba preliminari u jordna l-prosegwiment tal-kaz.

**(Iffirmat)**
**Doreen Parnis**

**Chairperson**

**Vera Kopja**

**Graziella Spiteri**
**Ghas-Segretarju**